# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' Ġunju, 2023.**

**Numru 3**

**Rikors numru 1266/2011/1 JRM**

**Palm Shipping Agency Limited (C 9712)**

**vs.**

**Korporazzjoni Enemalta u b'nota tal-11 ta' Frar, 2015, Enemalta p.l.c. assumiet l-atti minflok il-Korporazzjoni Enemalta**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Palm Shipping Agency Limited minn deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-26 ta' Jannar, 2023, fejn żammet lura milli tqis l-azzjoni attriċi skont l-**Artikolu 469A(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** minħabba li sabet li l-mod ta' kontestazzjoni u l-ksib tar-rimedju

mfittex f'din il-kawża seta' jiġi provdut b'liġi oħra quddiem organu ieħor kompetenti.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-20 ta' Diċembru, 2011, il-kumpanija attriċi fissret li hija ħadet sehem f'sejħa pubblika mnedija mill-Korporazzjoni Enemalta fis-17 ta' Ġunju, 2011 għax-xiri ta' żejt lubrikant tal-għamla '*Shell Argina X40-SAE BN 40 Engine Oil*' biex jintuża fl-impjant tal-enerġija ġewwa Delimara. Spjegat li b'deċiżjoni mogħtija fil-5 ta' Ottubru, 2011, il-Korporazzjoni Enemalta għarrfet lill-oblaturi li pparteċipaw, illi l-ebda offerta ma setgħet tintagħżel minħabba li kull waħda minnhom kien fiha xi nuqqasijiet. Fl-istess deċiżjoni, il-Korporazzjoni Enemalta talbet lill-kumpanija attriċi sabiex sal-14 ta' Ottubru, 2011 hija terġa' tressaq offerta dwar il-provvista ta' żejt lubrikant tal-għamla '*Shell Argina X40*' u sabiex tipprovdi tagħrif dwar il-mod kif kienet qegħda tipproponi li tipprovdi dak iż-żejt.

3. Billi l-kumpanija attriċi dehrilha li din id-deċiżjoni li kellu jiġi provdut żejt ta' ditta partikolari biss, kienet bi ksur tar-**Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Leġislazzjoni Sussidjarja 174.04)** u tar-**Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali (Liġi**

**Sussidjarja 174.06)**, hija ressqet oġġezzjoni dwarha lill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi. Madankollu b'deċiżjoni finali tal-24 ta' Novembru, 2011, dan il-Bord qatagħha li huwa ma kellux is-setgħa jisma' l-oġġezzjoni minħabba li skontu din is-sejħa kienet tolqot ħaġa li taqa' 'l barra mis-setgħat tiegħu.

4. Wara din id-deċiżjoni, il-kumpanija attriċi fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *"1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi d-deċizjoni tal-5 ta' Ottubru, 2011 tal-Korporazzjoni Enemalta, li permezz tagħha rrifjutat l-offerta oriġinali tal-kumpannija rikorrenti li għamlet għat- Tender for the Supply, Delivery and Testing of Shell Argina X40 – SAE 40 BN 40 Engine Oil bin-numru uffiċjali GN/DPS/T/4004/PC1/2001 kienet illegali għaliex tikser id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali (L.N. 178/2005 – S.L. 174.06);*
>
> *2. Tiddeċiedi u tiddikjara a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kodici dwar l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili illi l-istess deċiżjoni fuq imsemmija tal-Korporazzjoni Enemalta hija nulla, invalida jew bla effett stante illi l-Korporazzjoni Enemalta aġixxiet ultra vires f'din id-deċiżjoni għaliex naqset milli tosserva ħtiġijiet proċedurali mandatorji u/jew għaliex dik id-deċiżjoni tikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-Korporazzjoni intimata billi din id-deċiżjoni ittieħdet għal għanijiet mhux xierqa jew msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u/jew għaliex dik id-deċiżjoni tmur kontra l-liġi;*
>
> *3. Tħassar u tirrevoka konsegwentement dik l-istess deċiżjoni fuq imsemmija u tħassar u tirrevoka kull kuntratt mogħti wara t-Tender għall-forniment ta' tliet mija u ħamsin elf (350,000) litru ta' lubricating oil;*
>
> *4. Tordna jekk ikun il-każ illi l-kuntratt relattiv għall-forniment ta' tliet mija u ħamsin elf (350,000) litru ta' lubricating oil jiġi mogħti lil minn ħaqqu skont il-liġi;*
>
> *5. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-Korporazzjoni intimata hija responsabbli għad-danni sofferti mill-kumpanija rikorrenti riżultat tad-deċiżjoni ultra vires jew illegali tal-Korporazzjoni intimata kif fuq imsemmi*

*konsistenti f'telf ta' qligħ illi l-kumpannija rikorrenti kellha proġettat illi tagħmel mill-kuntratt ta' forniment ta' lubricating oil kontemplat fit-Tender de quo u spejjeż minnha inkorsi in konnessjoni mal-offerta tagħha għall-istess Tender;*

*6. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-kumpannija rikorrenti riżultat tal-aġir illegali jew ultra vires tal-Korporazzjoni intimata kif fuq imsemmi okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;*

7. *Tordna lill-Korporazzjoni intimata sabiex tħallas l-istess danni hekk kif likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti lill-kumpannija rikorrenti flimkien mal-imgħaxijiet legali relattivi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-Korporazzjoni intimata u bl-inġunzjoni tagħha għas-subizzjoni."*

5. Il-Korporazzjoni Enemalta wieġbet għal dan ir-rikors maħluf fis-27 ta' Jannar, 2012 u qajmet dawn l-eċċezzjonijiet:

*"1. Illi t-talbiet attriċi fil-konfront tal-Korporazzjoni esponenti huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi l-Korporazzjoni konvenuta mxiet a tenur tal-liġi;*

*2. Illi huwa minnu li l-Korporazzjoni Enemalta ħarġet Tender għall-provvista tal-lubrikant Shell Argina X40 SAE BN 40 Engine Oil, liema tender kien iġib l-isem 'Tender for the Supply, Delivery and Testing of Shell Argina X40 SAE BN 40 Engine Oil for Enemalta Corporation;*

*3. Illi kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża l-Korporazzjoni Enemalta hija eżentata milli timxi skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi u mir-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali f'ċertu ċirkostanzi speċifiċi li jirriżultaw kemm mill-istess regolamenti kif ukoll mill-Att dwar l-Enemalta u għaldaqstant it-tender li huwa suġġett għal din il-proċedura ma kienx regolat minn tali regolamenti billi l-fattispecie tiegħu kien tali illi jippermetti tali eżenzjoni u dan kif dirett mid-Departiment tal-Kuntratti u kif ukoll konfermat pjenament mid-deċiżjoni tal-Public Contracts Review Board, datata 24 ta' Novembru, 2021 u annessa mar-rikors tas-soċjetà Palm Shippings Agency Limited bħala Dok. J;*

*4. Illi fil-mertu jrid jingħad illi l-prodott Shell Argina X40 SAE BN 40 Engine Oil huwa neċessarju sabiex jintuża fl-estensjoni l-ġdida tal-power station ta' Delimara u ser jintuża sabiex jiżdied ma' prodott tal-istess tip identiku li ġa qiegħed jintuża fl-impjant inkwistjoni wara li l-ewwel konsenja tiegħu saret entro it-termini tal-kuntratt relattiv u dan*

*kif jirriżulta mid-Dok. ENE 001 u ENE 002;*

*5. Illi huwa ta' relevanza kbira li jingħad illi ġaladarba l-impjant jibda jopera permezz ta' lubrikant partikolari, ma jistax wara jiġi miżjud miegħu lubrikant ta' ditta differenti (kif fil-fatt huwa lubrikant offert mis-soċjetà rikorrenti li offriet il-prodott Total Aurelia) u dan kif jirriżulta mill-estratt tal-manual tal-impjant anness u mmarkat ENE 003, billi dan jista' jirrekka ħsara serja lill-impjant u huwa wkoll fattur li jwaqqa' l-garanzija fuq l-istess impjant;*

*6. Illi fil-fatt biex il-bidla tal-lubrikant issir ikollha tiġi segwita proċedura appożita konsistenti f'proċess komplikat u desktritt fl-imsemmi manual, liema proċess jiswa ammonti inġenti ta' flus u tali soluzzjoni kjarament ma tista' qatt tagħmel sens la mil-lat finanzjarju u l-anqas mil-lat tekniku;*

*7. Illi għalhekk il-Korporazzjoni ħarġet tender għall-prodott speċifiku, ċjoè s-Shell Argina X40 SAE BN 40 Engine Oil, li diġà kien qiegħed jintuża fl-impjant il-ġdid.*

*8. Illi dan kien jirriżulta kjarament mill-kontenut tat-Tender kif ukoll mill-istess isem tat-Tender, li kien iġib l-isem tal-prodott inkwistjoni, iżda s-soċjetà rikorrenti qatt ma ġibdet l-attenzjoni ta' ħadd u qatt ma talbet kjarifiċi iżda mxiet billi ssottomettiet offerta għall-prodott ieħor, it-Total Aurelia, meta hi, bħal offerenti oħrajn, ma kellha ebda xkiel li tipprovdi offerta għall-prodott li kienet teħtieġ l-Enemalta;*

*9. Illi kif ġa spjegat il-Korporazzjoni ma setgħetx, fl-interess finanzjarju tal-Istat u fl-interess pubbliku, taċċetta sitwazzjoni fejn ikollha twaqqaf l-impjant u tiddisponi mill-prodott li ġa kien qiegħed jintuża fl-impjant, u li ma jistax jitħallat ma' prodotti oħrajn, sabiex takkuntenta lis-soċjetà rikorrenti u għaldaqstant talbet lill-istess soċjetà rikorrenti sabiex tissottometti offerta għall-prodott Shell Argina X40 SAE BN 40 Engine Oil u mhux għall-prodott ieħor li ma setax jintuża mill-Korporazzjoni u dan kif kienu għamlu l-entitajiet l-oħra li ssottomettew offerta;*

*10. Illi tali stedina ma ntlaqgħatx mir-rikorrenti li riedu joffru dak li jogħġob lilhom għall-operat tal-impjant tal-Korporazzjoni u issa qed jintavolaw din il-kawża sabiex jiksbu dikjarazzjoni li tali aġir da parti tagħhom kien ġustifikat u li f'xi mod naqset il-Korporazzjoni;*

*11. Illi fil-fatt il-Korporazzjoni mxiet pjenament entro t-termini tal-liġi u dan kif ser jirriżulta ampjament fit-trattazzjoni tal-kawża u għalhekk għandu jirriżulta fl-aktar mod ampju li mhuwiex assolutament minnu li f'xi mod il-Korporazzjoni mxiet in malafede, kif allegat ir-rikorrenti, iżda li l-Korporazzjoni u r-rappreżentanti tagħha dejjem imxew b'integrità assoluta, fl-aħjar interess tal-Korporazzjoni, tal-fondi pubbliċi u tal-pubbliku in ġenerali u bi piena osservanza tar-regolamenti u tal-liġijiet applikabbli."*

6. B'nota mressqa fil-11 ta' Frar, 2015, Enemalta plc kompliet il-kawża minflok il-Korporazzjoni intimata.

7. Il-partijiet għalqu l-provi fis-seduta tas-16 ta' Ġunju, 2016, u dakinhar l-Ewwel Qorti tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub. Il-kumpanija attriċi ressqet in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha fl-1 ta' Awwissu, 2016, filwaqt li l-kumpanija konvenuta ressqet tagħha fit-30 ta' Settembru, 2016.

8. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-kumpanija Enemalta p.l.c. qajmet l-argument, li ma ġiex imqajjem fir-risposta maħlufa, illi l-kumpanija attriċi ma setgħetx tinqeda bl-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzarju taħt l-**Artikolu 469A** tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għaliex hija naqset milli tappella mid-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi skont kif kienu jipprovdu r-Regolamenti rilevanti fiż-żmien rilevanti.

9. B'sentenza mogħtija fis-26 ta' Jannar, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet dan l-argument ġdid imqajjem mill-kumpanija konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha u għalhekk astjeniet milli tqis aktar il-kawża. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex iddeċidiet b'dan il-mod kienu dawn:

*"Illi qabel ma tgħaddi biex tqis dawn l-ilmenti, il-Qorti ssib li għandha tistħarreġ is-siwi tas-sottomissjoni magħmula minn Enemalta fis-sura ta' "eċċezzjoni ulterjuri" dwar jekk l-azzjoni attriċi tgħoddx. Kif ingħad qabel, Enemalta qanqlet din il-kwestjoni li ma kinetx qajmitha fl-ebda waqt tul is-smigħ tal-kawża, la fit-Tweġiba Maħlufa tagħha u lanqas sakemm kien għadu għaddej l-istadju tal-ġbir tal-provi. Qajmitha biss fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha;*

*Illi filwaqt li l-Qorti ttenni li dan il-mod kif jitressqu l-eċċezzjonijiet wara li jkun diġà ngħalaq l-istadju tal-ġbir tal-provi u meta tkun qegħda ssir it-trattazzjoni tal-għeluq tal-każ jinħass li ma huwiex la xieraq u lanqas għall-aħjar tmexxija tal-każ u tal-jedd tal-parti attriċi[1], sejra ssemmiha u tara aktar 'il quddiem jekk għandhiex tqisha ladarba tressqet bi ksur tal-artikoli 728(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imsemmija 'eċċezzjoni ulterjuri' hija li PSA kellha mezzi oħra kif tikseb rimedju u għaldaqstant ma setgħetx tressaq azzjoni taħt l-artikolu 469A tal-istess Kodiċi;*

*Illi billi l-kwestjoni tqajmet fin-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Enemalta li kienet bi tweġiba għal dik imressqa minn PSA, u billi meta saru s-sottomissjonijiet miktuba l-każ kien imħolli għas-sentenza, PSA ma kellha qatt l-opportunità li tagħmel il-kummenti tagħha dwar dan. Fis-sewwa, baqgħet ma talbet qatt li titħalla tressaq xi sottomissjonijiet fir-rigward;*

*Illi l-Qorti tqis li, bħala regola, il-liġi[2] trid li kull eċċezzjoni oħra li ma tkunx tqajmet fit-Tweġiba Maħlufa tista' titħalla titressaq biss jekk kemm-il darba l-parti mħarrka tkun talbet il-permess tal-qorti b'rikors biex tħalliha tressaqha. Madankollu, hija l-liġi wkoll[3] li tgħid li dik ir-regola ma tgħoddx fil-każ ta' dawk l-eċċezzjonijiet li b'dispożizzjoni espressa tal-liġi jistgħu jitqajmu f'kull waqt tal-kawża jew li jinqalgħu waqt is-smigħ tal-kawża. F'dan ir-rigward, il-fehma tal-Qrati tagħna mhux dejjem kienet l-istess. Għalhekk, kien hemm drabi fejn in-nuqqas ta' tressiq ta' eċċezzjoni ulterjuri (ukoll waħda perentorja tal-ġudizzju) bla ma ntalab permess b'rikors kien meqjus li jġib in-nullità tal-istess eċċezzjoni[4]; filwaqt li kien hemm każijiet oħrajn fejn il-formalità tar-rikors ma tqisitx meħtieġa meta titqies in-natura tal-eċċezzjoni li tkun[5];*

*Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-eċċezzjoni imqanqla minn Enemalta fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha għandha min-natura ta' eċċezzjoni perentorja u għaldaqstant tista' titqajjem f'kull waqt tal-kawża u għaliha ma jgħoddx id-dispost tal-artikolu 728(2) tal-Kap 12. Jingħad is-sewwa, fil-każ ta' eċċezzjoni ta' din l-għamla, hija eskluża kull*

[1] App. Ċiv. 16.3.2004 fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Camilleri et v. Gaetana Aquilina***.
[2] Art. 728(2) tal-Kap 12.
[3] Art. 731 tal-Kap 12 u ara App. Inf PS 20.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Gayle Scerri v. Eric Borġ et***.
[4] P.A. RCP 17.4.2012 fil-kawża fl-ismijiet ***Philip Gauċi et v. Alan Xuereb et***.
[5] P.A. FDP 26.1.2001 fil-kawża fl-ismijiet ***Herbert Mifsud v. Edward Lentini*** (mhix appellata).

*diskrezzjoni tal-Qorti li quddiemha titqajjem li tara jekk kienx hemm raġuni tajba għaliex ma tkunx tressqet qabel, u l-istħarriġ ta' dik il-qorti jrid ikun limitat biex jistabilixxi jekk tabilħaqq eċċezzjoni bħal dik hijiex ta' sura perentorja*[6]*, u tgħaddi biex tittrattaha wkoll jekk din titqajjem wara li l-kawża tkun tħalliet għas-sentenza*[7]*. Jibqa' dejjem il-fatt li, bħala prattika għaqlija u mod lejali kif parti tmexxi l-każ tagħha, jkun aħjar li kieku eċċezzjonijiet bħal dawn jitqajmu f'Risposta Ulterjuri milli b'sempliċi tismija jew sottomissjonijiet f'Nota tal-Osservazzjonijiet;*

*Illi l-Qorti sejra għalhekk tibda biex tqis l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri mressqa minn Enemalta li tinbena fuq dak li jiddisponi l-artikolu 469A(4) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dak l-artikolu tal-liġi huwa maħsub li jrażżan is-setgħa jew ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti ta' kompetenza ġenerali milli tisma' kawża mressqa quddiemha. Ladarba d-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu huma eċċezzjoni jew deroga għar-regola li l-Qrati għandhom ġurisdizzjoni, jeħtieġ li tali sub-artikolu jitfisser f'sens dejjaq kemm jista' jkun biex ma jġibx fix-xejn l-għan li għalih il-leġislatur daħħal din l-għamla ta' azzjoni reviżorja fil-proċedura lokali;*

*Illi kif diġà ngħad mill-Qrati tagħna, l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati li jistħarrġu għemil amministrattiv għandha tkun ġustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaċi u xieraq disponibbli għaliha u hija naqset li tirrikorri għalih bla raġuni tajba*[8]*;*

*Illi l-Qorti tifhem li biex il-ġurisdizzjoni tal-Qorti li tistħarreġ għemil amministrattiv titneħħa, ir-rimedju taħt xi liġi oħra mogħti lill-persuna mġarrba b'dak l-għemil irid ikun rimedju xieraq u, fuq kollox, effikaċi*[9]*. Irid jintwera wkoll li l-persuna ma nqdietx bir-rimedju l-ieħor b'mod kapriċċuż, f'liema każ ma jkunx xieraq li, minħabba n-nuqqas tagħha, imbagħad iddur għall-kenn tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A. Bilkemm għandu għalfejn jiżdied jingħad ukoll li jaqa' fuq il-parti li tallega li kien hemm rimedju ieħor disponibbli għall-persuna mġarrba biex tipprova kif imiss li tassew kien hemm rimedju effettiv u li l-persuna naqset bla raġuni tajba li tinqeda bih;*

*Illi fil-każ ta' llum, jirriżulta li l-kumpannija attriċi ressqet ilment kontra d-deċiżjoni ta' Enemalta quddiem il-Bord billi wżat il-proċedura mtennija taħt l-A.L. 296 tal-2010 dwar il-Kuntratti Pubbliċi. F'sottomissjonijiet dettaljati, il-kumpannija attriċi tat ir-raġunijiet tagħha dwar kif fil-ħruġ tas-sejħa għall-offerta u l-mod kif ittrattat l-*

---

[6] App. Ċiv. 16.12.2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Sunspot Tours Ltd v. C.H. Caterers Ltd***.

[7] App. Ċiv. 25.10.2013 fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Lia et v. Alan Gatt et***.

[8] App. Ċiv. 6.5.1998 fil-kawża fl-ismijiet ***Bunker Fuel Oil Company Ltd. v. Paul Gauċi et*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. 5.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet ***Cauchi v. Chairman Awtorità tal-Ippjanar*** (**Kollez. Vol: LXXXV.ii.943**).

[9] P.A. PS 28.1.2004 fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Muscat et v. Chairman tal-Awtorità tad-Djar et***.

*offerta, Enemalta kisret ir-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi[10]. Wara nsistenza min-naħa tagħha biex il-Bord jisma' l-ilment[11], il-Bord ikkonkluda li m'għandux setgħa jisma' l-każ u ta r-raġunijiet tiegħu għaliex. Il-kumpannija attriċi, f'inqas minn xahar, fetħet dawn il-proċeduri. Fir-Rikors Maħluf, għal darb'oħra, tilmenta mill-istess nuqqasijiet ta' Enemalta u fl-ewwel talba titlob li l-Qorti tabilħaqq issib ksur tal-imsemmija Regolamenti min-naħa ta' Enemalta;*

*Illi min-naħa l-oħra, Enemalta tisħaq li l-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża għaliex il-kumpannija attriċi kellha rimedju xieraq għall-ilment tagħha quddiem qorti jew tribunal ieħor taħt l-A.L. 296 tal-2010[12]. Hija ttenni li ladarba bdiet il-proċeduri quddiem il-Bord billi mxiet mal-proċedura stabbilita taħt ir-Regolament 84 tal-A.L. 296 tal-2010, messha kompliet ir-rimedju li kellha taħt l-istess Avviż Legali billi tressaq appell quddiem il-Qorti tal-Appell kif jistabbilixxi l-imsemmi regolament 84 tal-istess Regolamenti. Minflok, għoġobha twarrab dak ir-rimedju u tiftaħ proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju quddiem din il-Qorti. Fil-fehma ta' Enemalta, l-eżistenza ta' dik il-kontestazzjoni u rimedju jneħħi minn idejn din il-Qorti s-setgħa li tisma' l-kawża taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12;*

*Illi tabilħaqq, ir-regolament 84 tar-Regolamenti tal-2010 dwar il-Kuntratti Pubbliċi (li kienu għadhom fis-seħħ fiż-żmien rilevanti għal dan il-każ) kien jistabbilixxi proċedura fejn persuna milquta minn xi deċiżjoni, inkluż dik dwar għoti ta' kuntratt, setgħet tressaq oġġezzjoni quddiem il-Bord[13]. Id-deċiżjoni tal-Bord hija appellabbli fi żmien għoxin ġurnata quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri)[14];*

*Illi minn dak li PSA nnifisha tgħid fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha[15], hija tressaq argumenti li kienu jkunu xierqa f'appell li hija setgħet tressaq mid-deċiżjoni tal-Bord skont ma kienu jippreskrivu r-Regolamenti msemmija. Kif ingħad aktar qabel, il-kawża mressqa minn PSA ma titlobx stħarriġ ta' dik id-deċiżjoni tal-Bord. Ma setax ikun mod ieħor, għaliex dak l-istħarriġ kellu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell. U b'hekk joħroġ ukoll li PSA kellha rimedju u, għal raġunijiet li ma fissrithom bl-ebda mod lanqas fis-sottomissjonijiet tagħha, għażlet li ma tinqediex bih;*

*Illi fil-fehma tal-Qorti, il-Qorti tal-Appell kien ikollha s-setgħa mhux biss li tqis jekk kemm-il darba l-Bord mexiex sewwa meta sab li ma kienx fir-"remit" tiegħu li jqis l-ilment ta' PSA, imma kienet ukoll tara jekk Enemalta mxietx sewwa fl-għażliet tagħha ta' aġġudikazzjoni u,*

---

[10] Dok. "G" f'paġġ. 41 sa 46 tal-proċess.
[11] Dok. "I" f'paġġ. 48 sa 49 tal-proċess.
[12] Regolamenti tal-2010 dwar il-Kuntratti Pubbliċi.
[13] Reg. 84(1) tal-A.L. 296 tal-2010.
[14] Reg. 84(5) tal-A.L. 296 tal-2010.
[15] Paġġ. 395 – 6 tal-proċess.

*fuq kollox, kienet tista' tħassar is-sejħa jew tagħti ordnijiet jew provvedimenti xierqa dwar l-istess sejħa. Dawn huma sewwasew uħud mit-talbiet li PSA terġa' tagħmel f'din il-kawża tagħha tal-lum. Terġa' u tgħid, wieħed mill-argumenti ewlenin imressqa 'l quddiem minn PSA biex issejjes ix-xilja tagħha ta' aġir ultra vires min-naħa ta' Enemalta huwa l-argument li l-imġiba tal-Korporazzjoni saret bi ksur tar-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi. Din ukoll kienet ħaġa li l-Qorti tal-Appell kien ikollha kull setgħa li tqis li kieku PSA nqdiet bir-rimedju proċedurali mogħti lilha;*

*Illi fis-sottomissjonijiet tagħha*[16]*, Enemalta tisħaq li ladarba PSA ma ressqitx appell mid-deċiżjoni tal-Bord, dik id-deċiżjoni kellha l-effett ta' ġudikat u l-mertu maqtugħ b'mod definittiv ukoll jekk id-deċiżjoni tal-Bord kienet waħda li ma setgħetx tidħol fil-mertu tal-aggravji mqajma minn PSA;*

*Illi l-Qorti, filwaqt li tifhem l-argument ta' Enemalta, ma jidhrilhiex li tista' taqbel mal-argument tal-ġudikat. Imma taqbel magħha li n-nuqqas ta' teħid ta' rimedju b'appell kif kienu jippreskrivu r-Regolamenti kien nuqqas ta' teħid ta' rimedju li l-liġi kienet mod ieħor tipprovdi lil PSA jekk tabilħaqq riedet tibqa' tikkontesta d-deċiżjoni ta' Enemalta;*

*Illi minħabba dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni ulterjuri ta' Enemalta hija mistħoqqa u sejra tilqagħha. Illi fil-prattika, il-kumpannija attriċi kellha rimedju effikaċi u xieraq disponibbli għaliha u hija naqset li tirrikorri għalih bla raġuni tajba. L-effett ta' dan ikun li l-Qorti jkollha tieqaf milli tkompli tqis aktar it-talbiet attriċi;*

*Illi, minħabba li l-imsemmija eċċezzjoni tqajmet wara li l-Qorti kienet semgħet il-provi tal-partijiet fil-mertu, ikun xieraq li din iċ-ċirkostanza tirrifletti fuq il-kap tal-ispejjeż. Huwa minnu li kif ingħad, l-eċċezzjoni setgħet titqajjem f'kull waqt tal-kawża, imma kieku tqajmet fi stadju bikri, il-Qorti kien ikollha l-okkażjoni tqisha qabel u, jekk issibha mistħoqqa (bħalma issa ġara) ma kienx ikollha toqgħod titlob lill-partijiet jintilfu f'ħafna taħbit biex iressqu provi dwar il-mertu;*

*Illi minħabba li l-Qorti qegħda tilqa' l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri, ma tistax tgħaddi biex tqis it-talbiet fil-mertu u qegħda tastjeni milli tgħaddi ġudizzju dwar is-siwi tagħhom."*

10. Palm Shipping Agency Limited appellat minn din is-sentenza b'rikors tas-17 ta' Frar, 2023, bl-aggravji jkunu dawn: (i) li l-Ewwel Qorti

[16] Paġ. 407 tal-proċess.

ma kellhiex tqis l-argument dwar in-nuqqas ta' użu ta' rimedji oħrajn imressaq minn Enemalta p.l.c. fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha bħala eċċezzjoni ulterjuri għaliex, fl-ewwel lok, ma jistgħux jitqajmu eċċezzjonijiet ġodda f'sottomissjonijiet finali, u fit-tieni lok, għaliex ma saritx talba biex din l-eċċezzjoni tkun tista' tiġi mressqa; (ii) li l-eċċezzjoni inkwistjoni mhijiex waħda perentorja iżda waħda dilatorja; u (iii) li f'kull każ, hi ma kellhiex l-opportunità li quddiem l-Ewwel Qorti twieġeb għal din l-eċċezzjoni ġdida.

11. Enemalta p.l.c. wieġbet għal dan l-appell fit-22 ta' Marzu, 2023, u hemmhekk hija tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn dan l-appell għandu jiġi miċħud.

12. B'digriet mogħti fit-3 ta' April, 2023, din il-Qorti bit-tħaddim tal-**Artikolu 207(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** appuntat l-appell għas-smigħ sabiex tisma' s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

13. Waqt is-smigħ tal-4 ta' Mejju, 2023, din il-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet u dakinhar ġie mniżżel fil-verbal, li l-partijiet kienu qegħdin jaqblu li jekk din il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' użu tar-rimedji ordinarji taħt l-**Artikolu 469A** tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** tista' titressaq f'kull

stadju tal-kawża, allura l-mertu ta' din l-eċċezzjoni għandu jiġi deċiż b'mod finali minn din il-Qorti stess.

14. Wara li rat in-nota ta' riferenzi mressqa minn Palm Shipping Agency Limited fl-4 ta' Mejju, 2023 u l-atti kollha tal-kawża, il-Qorti tinsab f'qagħda li tgħaddi għal din is-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet:**

15. L-**ewwel żewġ aggravji** tal-kumpanija appellanti jmissu mas-siwi proċedurali tal-eċċezzjoni, eventwalment milqugħa mill-Ewwel Qorti, li Enemalta plc ressqet fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha tat-30 ta' Settembru, 2016 dwar il-fatt li Palm Shipping Agency Limited ma setgħetx skont l-**Artikolu 469A(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ddur fuq l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju għaliex setgħet tikseb rimedju dwar l-ilment tagħha taħt liġi oħra.

16. Fil-qosor, il-kumpanija appellanti qegħda targumenta f'dawn iż-żewġ aggravji tagħha, li din l-eċċezzjoni ma kellhiex tiġi meqjusa mill-Ewwel Qorti għaliex din tqajmet biss fis-sottomissjonijiet finali tagħha mingħajr awtorizzazzjoni skont il-liġi u li f'kull każ din l-eċċezzjoni ma setgħetx titqajjem f'dak l-istadju minħabba li din ma kinitx waħda perentorja iżda kienet waħda dilatorja, li setgħet titqajjem biss fir-

risposta maħlufa fil-bidu tal-proċeduri.

17. Enemalta p.l.c. wieġbet li l-eċċezzjoni taħt l-**Artikolu 469A(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** hija waħda ta' għamla perentorja u ta' ordni pubbliku. Għalhekk hija ttenni li din setgħet titressaq f'kull stadju tal-kawża, inkluż fin-nota ta' sottomissjonijiet u saħanistra anke fir-rikors tal-appell.

18. Billi dawn iż-żewġ aggravji jirkbu fuq xulxin, dawn sejrin jiġu meqjusa flimkien.

19. Il-liġi tgħid fl-**Artikolu 728(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li meta l-kawża tkun inbdiet permezz ta' rikors maħluf, allura bħala regola ġenerali l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut għandhom jingħataw fir-risposta maħlufa. Skont l-**Artikolu 158(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, din ir-risposta maħlufa trid tiġi preżentata fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika tar-rikors maħluf.

20. L**-Artikolu 728(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jkompli jgħid li ebda eċċezzjoni oħra ma tista' tingħata f'waqt ieħor tal-kawża, b'dan li l-Qorti tista' meta jsirilha rikors mill-konvenut, tippermetti li jingħataw iktar eċċezzjonijiet, jekk il-Qorti tkun sodisfatta li

kien hemm raġunijiet validi għaliex dawn l-eċċezzjonijiet ma jkunux ingħataw fir-risposta oriġinali.

21. Madankollu din ir-regola ġenerali li eċċezzjonijiet addizzjonali għandhom jitħallew jitressqu biss jekk ikun hemm il-barka tal-qorti, ma tgħoddx f'żewġ sitwazzjonijiet speċifiċi, *viz*. (i) jekk l-eċċezzjoni addizzjonali tkun waħda li tista' titressaq f'kull waqt tal-proċeduri skont il-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** (ara **Artikolu 731** tal-istess Kodiċi); u (ii) jekk l-eċċezzjoni addizzjonali tkun waħda ta' sura perentorja (ara **Artikolu 732** tal-istess Kodiċi). Għal aktar tagħrif dwar dan is-suġġett wieħed jista' jara s-sentenzi ***Sunspot Tours Limited v. C.H. Caterers Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Diċembru, 2003, ***Bank of Valletta plc v. Sand & Gravel Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru, 2013, ***Nicholas de Giorgio v. Vincent Paul Savona et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 2016 u ***Paul Fiorentino et v. David Jones noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2018).

22. Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza ***Kevin Azzopardi v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża fis-27 ta' Marzu, 2014, jekk l-eċċezzjoni addizzjonali tkun ta' sura perentorja jew l-eċċezzjoni addizzjonali tkun waħda li tista' titqajjem f'kull stadju skont il-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, allura l-Qorti ma tistax

tinqeda bid-diskrezzjoni li tara jekk kienx hemm raġuni tajba għaliex dawn l-eċċezzjonijiet ma jkunux tressqu qabel, iżda, hija marbuta li tħallihom jitressqu fil-kawża.

23. Tassew l-uniku stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti f'qagħda bħal din, huwa li tikkonferma jekk l-eċċezzjoni addizzjonali mqanqla mill-konvenut hijiex tabilħaqq ta' sura perentorja jew inkella jekk din hijiex eċċezzjoni li tista' titqajjem f'kull stadju skont il-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

24. Imħaddem dan kollu għall-każ tagħna, l-eċċezzjoni addizzjonali li Enemalta p.l.c. ressqet fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha hija li l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju mnedija mill-kumpanija attriċi ma tistax tissokta 'l quddiem skont l-**Artikolu 469A(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għaliex hija kellha jedd li tappella mid-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) skont il-liġijiet li dak iż-żmien kienu jirregolaw il-kuntratti pubbliċi.

25. Din il-Qorti tqis li l-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** mkien ma jgħid li eċċezzjoni bħal din tista' titqajjem f'kull waqt tal-kawża. Għalhekk li trid tara din il-Qorti huwa jekk din l-eċċezzjoni hijiex waħda ta' sura perentorja jew le.

26. Fil-liġi tagħna ma nsibux tifsira tal-kliem, '*eċċezzjoni perentorja*', madankollu din il-Qorti taqbel ma' dak li ngħad mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-sentenza ***Pauline Brockdorff v. Mondial Travel*** maqtugħa fit-28 ta' Novembru, 2008, illi eċċezzjonijiet perentorji li jaqgħu taħt l-**Artikolu 732 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, «*huma dawk li jekk jintlaqgħu jeżawrixxu għalkollox il-mertu b'mod li l-kawża ma tistax terġa' tiġi proposta kontra l-istess konvenut*».

27. F'dan ir-rigward l-**Artikolu 469A(4)** fuq imsemmi jgħid li azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv ma tgħoddx meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv ikun jinsab provdut f'xi liġi oħra (ara ***Fish & Fish Limited et v. Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Settembru, 2009).

28. Kif imtenni fil-ġurisprudenza, dan l-artikolu tal-liġi huwa maħsub li jrażżan is-setgħa jew ġurisdizzjoni ta' qorti ta' kompetenza ġenerali milli tisma' kawża mressqa quddiemha (ara ***Angelo Said v. Chairman Planning Authority*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 2008 u ***Gaetano Cutajar et v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kummerċ et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 2020).

Jekk jinstab li din l-eċċezzjoni hija fejjieda, allura l-Qorti jkollha tieqaf milli tkompli tqis dik il-kawża. Dan għaliex l-eżistenza ta' rimedju taħt liġi oħra joqtol għalkollox l-azzjoni taħt l-**Artikolu 469A**.

29. Illi waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-avukat tal-kumpanija appellanti saħaq ħafna li fil-qasam kostituzzjonali dwar il-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem, huwa miżmum li l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' użu tar-rimedji ordinarji hija waħda ta' bixra dilatorja, li bilfors trid titressaq fil-bidu nett tal-kawża. Iżid li din lanqas ma tista' titqajjem *ex officio* mill-Qorti. Għalhekk huwa argumenta li l-istess prinċipju għandu jgħodd ukoll għal eċċezzjoni taħt l-**Artikolu 469A(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

30. Din il-Qorti iżda ma tistax taqbel ma' din il-pożizzjoni.

31. Ibda biex, din il-Qorti mhijiex daqstant żgura minn dak imlissen mill-avukat tal-kumpanija appellanti, illi l-ġurisprudenza Maltija hija fis-sens, li l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji f'kawżi relatati mal-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem, ma tistax titqajjem *ex officio* mill-Qorti. Anzi jirriżulta li l-parti l-kbira tas-sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali f'dawn l-aħħar snin jgħidu bil-kontra, *viz*. li d-diskrezzjoni dwar jekk Qorti tagħżilx li twettaq is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le tista' titqajjem mill-istess Qorti minn rajha,

anke jekk ma jkunx hemm eċċezzjoni formali mill-partijiet (ara ***Easygas Malta Ltd v. Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru, 2012, ***Olaf Cini v. Ir-Repubblika ta' Malta et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013, ***Valletta Freight Services Limited v. Direttur Qrati Ċivili u Tribunali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Novembru, 2015 u ***Rosaria Borg Busuttil v. Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju, 2019).

32. Lil hemm minn dan kollu però, hemm differenza kbira bejn minn kif inhu miktub l-***proviso*** għall-**Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u minn kif inhu miktub l-**Artikolu 469A(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan għaliex filwaqt li l-**Kostituzzjoni ta' Malta** tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex fl-aħħar mill-aħħar tiddeċiedi jekk għandhiex teżerċita s-setgħat tagħha biex tqis l-ilmenti dwar ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem; mill-banda l-oħra, l-**Artikolu 469A(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma jagħti l-ebda diskrezzjoni lill-Qorti, anzi dan jagħmilha mandatorja illi d-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 469A** m'għandhomx jgħoddu meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra.

33. Il-ħtieġa li ma jkunx jeżisti rimedju ieħor taħt liġi oħra biex jattakka dak l-għemil amministrattiv huwa element essenzjali li l-liġi trid li għandu jitħares, biex wieħed ikun jista' jissokta b'azzjoni taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. U billi l-assenza ta' rimedji legali oħra fil-liġi huwa wieħed mill-elementi tal-azzjoni taħt l-**Artikolu 469A** li hemm bżonn illi jintwera, allura l-Qorti hija meħtieġa li tqis jekk dan l-element jinsabx sodisfatt, kemm jekk dan il-punt ikun tqajjem b'eċċezzjoni formali mill-konvenut, kif ukoll jekk dan il-punt ma jkunx ġie mqajjem mill-konvenut.

34. Bħalma ngħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Rose Muscat v. Paul Cachia nomine*** deċiża fid-19 ta' April, 2012, biex attur jirbaħ il-kawża, huwa jrid mhux biss jegħleb l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, iżda jrid juri wkoll li jinsabu sodisfatti l-elementi kollha tal-azzjoni magħżula minnu, għax jekk le, il-Qorti wkoll jekk il-konvenuti ma jressqux eċċezzjonijiet, u anzi jibqgħu kontumaċi, ikollha tiċħad it-talbiet.

35. Wara kollox huwa miżmum illi *iura novit curia*, jiġifieri, illi l-Qorti hija meqjusa li taf il-liġi u la dan hu hekk, il-partijiet f'tilwima legali m'għandhomx obbligu li bilfors joqogħdu jeċċepixxu jew jippruvaw il-liġi li tgħodd għall-każ tagħhom. Dan għaliex fl-aħħar mill-aħħar, il-Qorti hija dejjem marbuta li tapplika l-liġi wkoll jekk din ma tiġix ċitata mill-partijiet fil-kawża (ara ***Avukat Henri Mizzi nomine et v. Telestarr Limited***

deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 2016).

36. Fil-każ tal-lum, daqskemm l-Ewwel Qorti fil-qadi tad-dmir tagħha, li tara li l-liġijiet jiġu mħarsa, kellha s-setgħa li tivverifika minn rajha jekk kienx hemm liġi oħra li l-kumpanija appellanti setgħet tinqeda biha biex tikkontesta l-għemil amministrattiv mertu ta' din il-kawża; daqstant ieħor l-Ewwel Qorti kellha d-dmir li tiddeċiedi fuq din il-kwistjoni, anke jekk din il-kwistjoni ġiet imqanqla għall-ewwel darba mill-kumpanija konvenuta fl-aħħar stadju tal-kawża.

37. Għad li kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, kien jaqbel ħafna aħjar li kieku l-kumpanija konvenuta ma ħallietx għall-aħħar biex tqajjem il-kwistjoni tal-eżistenza ta' rimedju ieħor fil-liġi, madankollu, il-fatt biss li din l-eċċezzjoni tressqet fin-nota ta' sottomissjonijiet finali, ma kellux ixekkel lill-Ewwel Qorti milli tqisha xorta waħda, ladarba din l-eċċezzjoni kienet tmiss ma' element essenzjali tal-azzjoni illi joħroġ mil-liġi.

38. F'dan is-sens għalhekk eċċezzjoni bħal din, għandha titqies bħala waħda ta' sura perentorja għaliex jekk din tinstab illi hija waħda mistħoqqa, dan ikun ifisser li l-azzjoni taħt l-**Artikolu 469A** t**al-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma setgħet titressaq qatt, b'tali mod li din l-azzjoni mhux biss ma setgħetx titressaq fiż-żmien illi tkun

tressqet, iżda, li din lanqas ma tista' terġa' tiġi proposta fil-futur.

39. Darba għalhekk li din il-Qorti qegħda ssib li eċċezzjoni bħal din hija waħda ta' bixra perentorja, allura din il-Qorti qegħda taqbel ukoll mal-Ewwel Qorti li eċċezzjoni bħal din setgħet titressaq f'kull waqt tal-kawża, inkluż anke f'nota ta' sottomissjonijiet finali u dan mingħajr bżonn ta' rikors għall-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex titressaq dik l-eċċezzjoni skont l-**Artikolu 728 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

40. L-ewwel żewġ aggravji tal-kumpanija appellanti qegħdin għalhekk jiġu miċħuda.

41. Din il-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis it-**tielet aggravju**.

42. Fih il-kumpanija appellanti tilmenta dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti ma tathiex l-opportunità li twieġeb għal din l-eċċezzjoni miżjuda li tqajmet mill-kumpanija appellata fin-nota ta' sottomissjonijiet.

43. Kif ingħad aktar 'il fuq, huwa minnu li l-liġi taċċetta li eċċezzjonijiet perentorji jistgħu jitqajmu f'kull waqt tal-kawża, madankollu dan bla ħsara għall-jedd tal-parti l-oħra li titħalla tilqa' għal dik l-eċċezzjoni.

44. Għalkemm il-ġurisprudenza tgħid li l-jedd ta' smigħ xieraq taħt il-**Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Konvenjoni Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem** ma jkoprix ilmenti marbuta ma' għotijiet ta' kuntratti pubbliċi għaliex fihom ma jiġu determinati l-ebda jeddijiet jew obbligi ċivili (ara f'dan is-sens ***I.T.C. Limited v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju, 2005, mtennija mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza ***I.T.C. Limited v. Malta*** tal-11 ta' Diċembru, 2007), madankollu dan ma jfissirx li f'kawżi ta' din ix-xorta m'għandhomx jiġu osservati l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, fosthom dak tal-*audi alteram partem*.

45. F'qagħda bħal dik preżenti, meta eċċezzjoni perentorja titqajjem għall-ewwel darba f'nota ta' sottomissjonijiet, huwa xieraq li l-Qorti ma tkomplix bl-għoti tas-sentenza tagħha, iżda għandha tistħarreġ permezz ta' digriet, jekk il-parti l-oħra għandhiex sottomissjonijiet miktuba jew orali x'tagħmel dwar dik l-eċċezzjoni, biex b'hekk il-Qorti tiġi li tkun semgħet lin-naħat kollha fuq il-kwistjoni.

46. Tassew f'dan il-każ, l-Ewwel Qorti messha mxiet ħafna aktar bil-galbu biex tiżgura illi l-kumpanija appellanti jingħatalha l-fakultà illi tressaq sottomissjonijiet kontra l-eċċezzjoni addizzjonali mressqa fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-kumpanija appellata. B'danakollu però, minkejja dan in-nuqqas, meta din il-Qorti tqis li l-avukat tal-kumpanija

appellanti ġie notifikat bin-nota ta' sottomissjonijiet fil-5 ta' Ottubru, 2016 (ara r-riferta f'paġna 418 tal-atti tal-kawża) u s-sentenza finali ngħatat mill-Ewwel Qorti fis-26 ta' Jannar, 2023, dan ifisser li l-kumpanija appellanti kellha aktar minn sitt snin ċans biex jekk trid tressaq rikors quddiem l-Ewwel Qorti biex titħalla tressaq sottomissjonijiet miktuba jew orali dwar din l-eċċezzjoni. Wara kollox, kif jidher mill-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ġunju, 2016 (ara paġna 385 tal-atti tal-kawża), il-kawża kienet tħalliet għas-sentenza fin-nuqqas ta' xkiel. Iżda fuq firxa ta' aktar minn sitt snin, il-kumpanija appellanti għażlet li ma tressaq l-ebda talba biex tressaq tali sottomissjonijiet. Din il-Qorti għalhekk tħoss li filwaqt li l-Ewwel Qorti kellha dmir li tipprovdi terminu lill-kumpanija appellanti biex din tkun tista' twieġeb għall-eċċezzjoni ulterjuri, madankollu l-kumpanija appellanti xorta għandha ġġorr ir-responsabbilitajiet tagħha talli naqset milli tieħu azzjoni f'dan iż-żmien kollu li għadda bejn il-preżentata tan-nota tas-sottomissjonijiet u s-sentenza tal-Ewwel Qorti.

47. F'kull każ, anke jekk stess l-Ewwel Qorti mxiet ħażin meta qabel tat is-sentenza tagħha, ma ħaditx il-fehmiet tal-kumpanija appellanti dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-kumpanija appellata, xorta waħda dan ma jfissirx li s-sentenza appellata għandha titħassar u li l-atti tal-kawża jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti biex tiddeċiedi l-eċċezzjoni mill-ġdid. Dan għaliex l-avukati tal-partijiet qablu fil-verbal tas-seduta tal-4 ta' Mejju, 2023, li din l-eċċezzjoni tista' tiġi deċiża minn din il-Qorti stess. Fil-fatt,

is-siwi ta' din l-eċċezzjoni ulterjuri ġiet trattata mill-istess avukati tal-partijiet dakinhar stess quddiem din il-Qorti.

48. Jiġi b'hekk, li din il-Qorti mhijiex sejra tqis aktar it-tielet aggravju u hekk kif talbu l-partijiet, hija sejra tqis jekk din l-eċċezzjoni ulterjuri taħt l-**Artikolu 469A(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** hijiex mistħoqqa jew le.

49. Billi dan l-artikolu tal-liġi ma huwa xejn ħlief deroga għall-prinċipju ġenerali li l-Qrati għandhom ġurisdizzjoni, allura tali deroga għandha tiġi interpretata f'sens dejjaq kemm jista' jkun, biex ma jinġiebx fix-xejn l-għan li għalih il-leġislatur daħħal l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** (ara ***Viorica Anghelenici v. Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Ottubru, 2010). It-twarrib tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati milli jistħarrġu għemil amministrattiv għandha tkun ġustifikata biss jekk il-qorti tkun sodisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaċi u xieraq disponibbli għaliha u li hija naqset milli tinqeda bih bla raġuni tajba (ara ***Sabri Rezk v. Awtorità Għat-Trasport F'Malta et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru, 2019 u ***Alfred Ċini v. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Lulju, 2010).

50. Din il-Qorti wara li għarblet sew is-sottomissjonijiet tal-partijiet f'dan ir-rigward, temmen li ladarba l-kumpanija appellanti bniet il-kontestazzjoni tagħha kontra d-deċiżjoni meħuda mill-Korporazzjoni Enemalta fil-5 ta' Ottubru, 2011, fuq il-premessa li din id-deċiżjoni ttieħdet bi ksur tar-**Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Leġislazzjoni Sussidjarja 174.04)** u tar-**Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali (Liġi Sussidjarja 174.06)**, kif applikabbli dak iż-żmien, allura r-rimedju biex tikkontesta dik id-deċiżjoni, hija kellha tfittxu taħt il-mekkaniżmu provdut taħt dik il-liġi.

51. Fiż-żmien rilevanti, ir-**Regolament 84** tar-**Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi** u r-**Regolament 68** tar-**Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali** kienu jsemmu lill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi u lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) bħala l-organi ġudizzjarji kompetenti li huma mogħnija bis-setgħa biex jisimgħu tilwimiet li għandhom x'jaqsmu ma' għotjiet ta' kuntratti pubbliċi aġġudikati taħt dawn ir-regolamenti.

52. Illi l-kumpanija appellanti kienet konxja b'dan il-fatt, għaliex hija stess ressqet oġġezzjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi taħt dawn ir-regolamenti. Li ġara iżda huwa, li meta l-Bord ma

laqax din l-oġġezzjoni tagħha, il-kumpanija appellanti minflok appellat quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) kif isemmu dawk ir-regolamenti, għażlet it-triq tal-azzjoni ta' sħarriġ ġudizzjarju taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Fil-fehma tal-Qorti, din id-deċiżjoni li ħadet il-kumpanija appellanti kienet waħda ħażina għaliex jekk hija kienet qegħda tinsisti li d-deċiżjoni tal-Korporazzjoni Enemalta kienet bi ksur tar-regolamenti li għandhom x'jaqsmu mal-kuntratti pubbliċi, allura l-pass li kellha tieħu kien li tappella quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) u mhux li ddur fuq l-azzjoni ta' sħarriġ ġudizzjarju quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

53. Illi l-avukat tal-kumpanija appellanti saħaq ħafna però waqt it-trattazzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti, li huwa ma appellax quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) għaliex il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ddeċieda li huwa ma kellux kompetenza li jisma' l-ilment tagħha għaliex dan ikkonkluda li x-xiri taż-żejt li riedet tagħmel il-Korporazzjoni Enemalta kien jaqa' 'l barra mill-parametri tar-**Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi** u tar-**Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali**. Għalhekk il-kumpanija appellanti bħal speċi targumenta li ta' xejn kienet ħa tappella quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri).

54. Jibqa' l-fatt però li t-talbiet attriċi f'din il-kawża huma msejsa fuq il-premessa li d-deċiżjoni tal-Korporazzjoni Enemalta li tixtri żejt biss tad-ditta *Shell* hija bi ksur tar-**Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali**.

55. Issa jekk il-kumpanija appellanti qegħda tgħid li hi ma appellatx mid-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni Dwar Kuntratti Pubbliċi għaliex qablet mad-deċiżjoni tiegħu li r-**Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali** ma kinux jgħoddu għax-xiri ta' żejt li riedet tagħmel il-Korporazzjoni Enemalta, allura din il-Qorti ma tistax tifhem kif il-kumpanija appellanti qegħda tippretendi f'din il-kawża illi d-deċiżjoni tal-Korporazzjoni Enemalta għandha titqies bħala *ultra vires* u għandha tiġi mħassra minħabba nuqqas ta' ħarsien tar-**Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali**. Tassew jekk il-kumpanija appellanti qegħda taqbel mal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi li s-sejħa għax-xiri taż-żejt imxandra mill-Korporazzjoni Enemalta kienet meħlusa mit-tħaddim tar-**Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali**, allura dan ma jistax ħlief ifisser li din il-kawża saret

għalxejn minħabba li huwa loġiku li għemil amministrattiv ma jistax jiġi ddikjarat bħala *ultra vires* għar-raġuni li ma osservax liġi li ma tgħoddx għalih.

56. Min-naħa l-oħra, jekk il-kumpanija appellanti temmen li d-deċiżjoni tal-Korporazzjoni Enemalta kienet soġġetta għar-**Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali** u temmen ukoll, kif hekk issostni fir-rikors maħluf tagħha li d-deċiżjoni tal-Korporazzjoni Enemalta hija *ultra vires* għaliex tmur kontra dawn ir-regolamenti, allura l-kumpanija appellanti messha kompliet bil-mekkaniżmu provdut f'dawk ir-regolamenti billi ressqet appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri).

57. Iddur fejn iddur, jibqa' l-fatt li l-kumpanija appellanti ma setgħet qatt tipproponi azzjoni taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għaliex: jekk id-deċiżjoni kienet soġġetta għar-**Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali** hija kellha tmur quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri); filwaqt li jekk dawn ir-Regolamenti ma jgħoddux għad-deċiżjoni meħuda mill-Korporazzjoni Enemalta, allura l-kumpanija appellanti ma tistax titlob li deċiżjoni amministrattiva tiġi ddikjarata *ultra*

*vires* għaliex ma ħarsitx liġi li ma tapplikax għaliha.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qegħda **tiċħad** l-appell imressaq minn Palm Shipping Agency Limited u tikkonferma s-sentenza appellata illi ma tistax tissokta l-azzjoni taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

Billi l-eċċezzjoni ulterjuri tressqet biss fin-nota ta' sottomissjonijiet u billi l-Ewwel Qorti ma tatx l-opportunità lill-kumpanija appellanti titratta dwar din l-eċċezzjoni ulterjuri, huwa xieraq li l-ispejjeż tal-appell għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr